EMENDI 001-059
mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapport
Karin Karlsbro **A10-0012/2026**
L-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni

Proposta għal regolament (COM(2025)0726 – C10-0245/2025 – 2025/0726(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur tal-azzar huwa ċentrali ***għall-kompetittività*** u s-sigurtà tal-Unjoni. L-Unjoni ***wriet b'mod inekwivoku l-importanza strateġika li hija tagħti lil dak is-settur u l-impenn tagħha li tiżgura l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà*** fit-tul tas-settur.	(1) Is-settur tal-azzar***, li huwa l-pedament tal-ekosistema tiegħu, li jinkludi prodotti derivattivi tal-azzar f'setturi downstream (eż. tal-karozzi, tal-bini, tal-imballaġġ u tal-komponenti tal-metall, tal-makkinarju, tal-industriji tat-teknoloġija u oħrajn)*** huwa ċentrali ***għall-ekonomija, is-sigurtà ekonomika, il-kompetittività*** u s-sigurtà tal-Unjoni. L-Unjoni ***jenħtieġ li ssaħħaħ l-azzjoni tagħha f'dan is-settur strateġiku, li huwa vitali għall-impjiegi u għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża, permezz ta' investiment sostnut fil-vijabbiltà u r-reżiljenza*** fit-tul tas-settur ***tal-azzar***.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-bliet u r-reġjuni industrijali li jipproduċu l-azzar għandhom rwol importanti għall-ħaddiema, għall-komunitajiet u għall-kompetittività. Dawn il-bliet u r-reġjuni huma fejn il-materja prima ġiet estratta u ttrasformata u l-ħiliet tekniċi ġew mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra. Dawn il-bliet u r-reġjuni għandhom l-għarfien, it-tagħmir, u l-koeżjoni soċjali meħtieġa biex it-tranżizzjoni ssir reali u ġusta.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-industriji tal-azzar fil-pajjiżi ***u r-reġjuni*** kollha, inkluża l-Unjoni, qed isofru impatt negattiv li jirriżulta miż-żieda fil-kapaċità strutturali żejda globali. Din l-isfida globali taffettwa s-suq domestiku tal-Unjoni u s-swieq ta' pajjiżi oħra jew direttament, permezz tal-importazzjonijiet minn pajjiżi b'kapaċità żejda, jew indirettament, riżultat tal-effett ta' esklużjoni ("push-out"), jew biż-żewġ modi. Ir-riżoluzzjoni effettiva tal-kapaċità żejda globali teħtieġ sforzi konġunti msaħħa tal-Unjoni u tas-sħab tal-istess fehma li ma jikkontribwixxux għall-kapaċità żejda globali. L-Unjoni se ***tkompli*** tmexxi l-ħidma internazzjonali, inkluż fil-qafas tal-Forum Globali dwar il-Kapaċità Żejda tal-Azzar, dwar l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-kapaċità żejda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jsaħħu t-trasparenza tas-suq globali tal-azzar u b'kunsiderazzjoni tat-tekniki moderni ta' produzzjoni u provvista, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju	(2) L-industriji tal-azzar***, il-ħaddiema, il-bliet u r-reġjuni industrijali*** fil-pajjiżi kollha, inkluża l-Unjoni, qed isofru impatt negattiv li jirriżulta miż-żieda fil-kapaċità strutturali żejda globali. ***Il-kapaċità strutturali żejda globali fil-produzzjoni tal-azzar toħloq theddida serja għas-settur tal-azzar, billi toħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta u tiskoraġġixxi l-investiment kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kapaċità strutturali żejda globali hija xejra li mhux qed taffettwa biss is-settur tal-azzar iżda wkoll ħafna setturi industrijali oħra u thedded il-vijabbiltà fit-tul tagħhom.*** Din l-isfida globali taffettwa s-suq domestiku tal-Unjoni u s-swieq ta' pajjiżi oħra jew direttament, permezz tal-importazzjonijiet minn pajjiżi b'kapaċità żejda, jew indirettament, riżultat tal-effett ta' esklużjoni ("push-out"), jew biż-żewġ modi. Ir-riżoluzzjoni effettiva tal-kapaċità żejda globali teħtieġ sforzi konġunti msaħħa tal-Unjoni u tas-sħab tal-istess

"tat-tidwib u tat-tferrigħ" kif ukoll permezz tal-monitoraġġ tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. L-Unjoni u l-pajjiżi tal-istess fehma jenħtieġ li jaħdmu flimkien bil-ħsieb li jiddelimitaw l-ekonomiji tagħhom mill-kapaċità żejda globali filwaqt li jiżguraw ktajjen tal-provvista sikuri u jżidu l-aċċess għas-suq bejniethom.	fehma li ma jikkontribwixxux għall-kapaċità żejda globali. L-Unjoni se ***żżid l-isforzi tagħha biex*** tmexxi l-ħidma internazzjonali ***u wkoll biex tikkoordina mal-pajjiżi tal-istess fehma***, inkluż fil-qafas tal-Forum Globali dwar il-Kapaċità Żejda tal-Azzar, dwar l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-kapaċità żejda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jsaħħu t-trasparenza tas-suq globali tal-azzar u b'kunsiderazzjoni tat-tekniki moderni ta' produzzjoni u provvista, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju "tat-tidwib u tat-tferrigħ" kif ukoll permezz tal-monitoraġġ tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. L-Unjoni u l-pajjiżi tal-istess fehma jenħtieġ li ***b'mod urġenti*** jaħdmu flimkien bil-ħsieb li jiddelimitaw l-ekonomiji tagħhom mill-kapaċità żejda globali filwaqt li jiżguraw ktajjen tal-provvista sikuri u jżidu l-aċċess għas-suq bejniethom. ***Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tiġi segwita fi spirtu kostruttiv u li jħares 'il quddiem li jirrikonoxxi l-interessi strateġiċi kondiviżi u l-benefiċċji reċiproċi. Jenħtieġ ukoll li jkollha l-għan li tnaqqas id-distorsjonijiet fis-swieq globali tal-azzar, tippromwovi kompetizzjoni ġusta bbażata fuq il-prinċipji tas-suq, u tappoġġa t-tranżizzjoni lejn produzzjoni industrijali orjentata lejn il-futur. Koordinazzjoni msaħħa fost is-sħab tista' ttejjeb ukoll ir-reżiljenza u ssaħħaħ il-pedament għal ktajjen tal-provvista stabbli, prevedibbli u diversifikati.***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-kapaċità żejda hija indirizzata bl-aktar mod effettiv permezz ta' azzjoni multilaterali kkoordinata peress li tikkostitwixxi problema globali li teħtieġ

	soluzzjoni globali. Fin-nuqqas ta' progress sinifikanti f'dak il-livell, jenħtieġ li l-Unjoni tadotta miżura mmirata u flessibbli.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) L-Ewropa għandha tradizzjoni twila ta' produzzjoni tal-azzar li fiha l-ħaddiema tal-azzar għandhom irwol ewlieni fil-pedament tal-manifattura tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-impjiegi ta' kwalità b'livell għoli ta' ħiliet u li jipprovdu paga deċenti, protezzjonijiet sodi tax-xogħol, u standards għoljin tas-saħħa u s-sikurezza huma essenzjali biex isostnu l-kompetittività u l-valur soċjali għoli tas-settur tal-azzar.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'Novembru 2024, il-mexxejja tal-Unjoni adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Budapest[2] li tenfasizza l-ħtieġa u d-determinazzjoni urġenti li l-Unjoni ssir aktar kompetittiva permezz ta' patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea. Barra minn hekk, il-mexxejja ddikjaraw l-impenn tagħhom li jiżguraw tiġdid industrijali u dekarbonizzazzjoni li jippermettu lill-Unjoni tibqa' mutur industrijali u teknoloġiku. Il-mexxejja tal-Unjoni rrikonoxxew ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu l-prontezza u l-kapaċitajiet tad-difiża, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża kif xieraq. Għal dak il-għan, il-mexxejja impenjaw ruħhom li jiżviluppaw politika	(6) F'Novembru 2024, il-mexxejja tal-Unjoni adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Budapest[2] li tenfasizza l-ħtieġa u d-determinazzjoni urġenti li l-Unjoni ssir aktar kompetittiva permezz ta' patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea. Barra minn hekk, il-mexxejja ddikjaraw l-impenn tagħhom li jiżguraw tiġdid industrijali u dekarbonizzazzjoni li jippermettu lill-Unjoni tibqa' mutur industrijali u teknoloġiku ***li jrawwem l-impjiegi ta' kwalità***. Il-mexxejja tal-Unjoni rrikonoxxew ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu l-prontezza u l-kapaċitajiet tad-difiża, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża kif xieraq. Għal dak il-għan, il-mexxejja

industrijali għall-Unjoni biex jiġi żgurat it-tkabbir tat-teknoloġiji ewlenin ta' għada, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali fi tranżizzjoni.

impenjaw ruħhom li jiżviluppaw politika industrijali għall-Unjoni biex jiġi żgurat it-tkabbir tat-teknoloġiji ewlenin ta' għada, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali fi tranżizzjoni.

2 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/

2 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-kompetittività industrijali hija prijorità ewlenija ***u d-dekarbonizzazzjoni tikkostitwixxi mutur qawwi tat-tkabbir meta tkun integrata mal-politiki industrijali, tal-kompetizzjoni, ekonomiċi u kummerċjali***.	(7) Il-kompetittività industrijali hija prijorità ewlenija ***għas-settur tal-azzar tal-Unjoni biex dan jissopravivi u jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, il-prosperità fit-tul u r-reżiljenza***. ***Biex dak is-settur strateġiku jkun kompetittiv, l-Unjoni jeħtieġ li tuża d-dekarbonizzazzjoni u taħlita ta' politiki industrijali, ekonomiċi u kummerċjali. Dawn il-politiki jenħtieġ li jinkludu l-preservazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni, tat-tmexxija teknoloġika u tal-impjieg ta' persuni kkwalifikati f'setturi ewlenin, fl-Unjoni, sabiex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-industriji strateġiċi lejn reġjuni bi standards ambjentali u soċjali aktar baxxi u mekkaniżmi ta' sussidju inġusti.***

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-kapaċità żejda, flimkien ma' livelli differenti ta' impenn għall-għanijiet

	klimatiċi minn pajjiżi terzi, taffettwa l-industrija tal-azzar tal-Unjoni fil-kuntest tat-tranżizzjoni tagħha lejn produzzjoni newtrali f'termini tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, biex il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni jkun vijabbli, il-livell tal-kwoti tariffarji jenħtieġ li jiġi rieżaminat kif meħtieġ. Dan jista' jservi bħala impetu għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għall-industrija tal-azzar tal-Unjoni biex tiddekarbonizza u twaqqaf l-istatus quo. Fil-qafas ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta wkoll dwar l-użu ta' sussidji pubbliċi mill-produtturi tal-Unjoni bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni, dwar il-volumi totali tal-produzzjoni tal-azzar b'emissjonijiet baxxi tal-Unjoni u dwar l-esponiment tal-produtturi tal-Unjoni għall-kompetizzjoni inġusta.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-industriji li jużaw ħafna enerġija huma setturi ewlenin li jeħtieġu ***appoġġ*** urġenti ***għad-dekarbonizzazzjoni, l-elettrifikazzjoni, u li*** jħabbtu wiċċhom ma' kostijiet għoljin tal-enerġija, ***il-kompetizzjoni*** globali inġusta u regolamenti kumplessi, li jagħmlu ħsara lill-kompetittività tagħhom.	(8) L-industriji li jużaw ħafna enerġija huma setturi ewlenin li jeħtieġu ***interventi*** urġenti ***biex jappoġġjawhom biex jiddekarbonizzaw, jelettrifikaw, jadottaw iċ-ċirkolarità, li jgħin biex jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni, u meta*** jħabbtu wiċċhom ma' kostijiet għoljin tal-enerġija, ***mal-kompetizzjoni*** globali inġusta u ***ma'*** regolamenti kumplessi, li jagħmlu ħsara lill-kompetittività tagħhom. ***Huwa essenzjali li dawk l-industriji jkunu jistgħu jibqgħu kompetittivi globalment u jkomplu jipproduċu fl-Unjoni, filwaqt li appoġġ kontinwu għall-industriji intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonalitajiet soċjali u ambjentali, bħall-preservazzjoni tas-siti ta' produzzjoni u l-impjiegi. It-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, l-iffaċilitar tal-aċċess għal enerġija affordabbli, it-tnaqqis tal-kostijiet tal-input, u s-simplifikazzjoni tal-***

	pożijiet regolatorji huma kritiċi għall-prevenzjoni tad-delokalizzazzjoni industrijali u għall-preżervazzjoni tal-ktajjen tal-valur fl-Unjoni. Peress li l-produzzjoni tal-azzar tammonta għal madwar 5 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni, l-aċċellerazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi u kważi żero, inklużi l-produzzjoni tal-azzar ibbażata fuq l-idroġenu u elettrifikata, u t-tisħiħ taċ-ċirkolarità permezz tal-irkupru u l-ipproċessar ta' ruttam ferruż riċiklat ta' kwalità għolja, se jkunu essenzjali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tissaħħaħ l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Barra minn hekk, kif rikonoxxut fil-Pjan*** ta' Azzjoni dwar l-Azzar u l-Metalli[3], l-azzar jirrappreżenta metall ta' importanza strateġika għall-kapaċità tad-difiża tal-Unjoni. ***Minħabba l-ambjent ġeopolitiku attwali***, il-ktajjen tal-provvista stabbli u reżiljenti ta' metalli kritiċi, bħall-azzar, u ***l-produzzjoni*** domestika huma essenzjali għad-difiża u l-ajruspazju, u biex jiġu evitati dipendenzi mhux mixtieqa fuq fornituri minn pajjiżi terzi.	(9) ***L-Unjoni tibqa' impenjata li timplimenta malajr u b'mod urġenti l-Pjan*** ta' Azzjoni dwar l-Azzar u l-Metalli[3], ***peress li*** l-azzar jirrappreżenta metall ta' importanza strateġika għall-kapaċità tad-difiża tal-Unjoni. ***Speċjalment f'kuntest ikkaratterizzat minn instabbiltà globali dejjem akbar u pressjonijiet ogħla fuq is-sigurtà***, il-ktajjen tal-provvista stabbli u reżiljenti ta' metalli kritiċi, bħall-azzar, u ***bażi ta' produzzjoni*** domestika ***b'saħħitha u kompetittiva*** huma essenzjali għad-difiża u l-ajruspazju, ***biex tinkiseb ir-reżiljenza ekonomika*** u biex jiġu evitati dipendenzi mhux mixtieqa fuq fornituri minn pajjiżi terzi.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(9a) L-azzar huwa wkoll fundamentali għal ħafna industriji oħra bħall-industriji tat-teknoloġija nadifa, tat-trasport, tal-bini u tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Għalhekk, il-preżervazzjoni ta' bażi tal-azzar kompetittiva u teknoloġikament avvanzata fl-Unjoni hija vitali għas-sovranità industrijali tal-Unjoni u għall-awtonomija strateġika tagħha.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Unjoni diġà adottat diversi miżuri ta' difiża kummerċjali fis-setturi tal-metalli, inkluż fis-setturi tal-ħadid u tal-azzar, kontra kompetizzjoni globali inġusta. Minkejja dan, l-industrija qed tiġi affettwata dejjem aktar b'mod negattiv mill-kapaċitajiet strutturali żejda globali u minn distorsjonijiet globali, inklużi politiki u prattiki ***mhux tas-suq*** f'ċerti pajjiżi li jappoġġaw b'mod artifiċjali l-industriji domestiċi tagħhom jew jevitaw il-miżuri u s-sanzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni. L-Unjoni hi l-uniku reġjun ewlieni tal-produzzjoni tal-azzar li qed jara tnaqqis fil-kapaċità. Madankollu, dawn l-isforzi qed jiġu kkumpensati kompletament minn żidiet kontinwi kbar fil-kapaċità f'reġjuni oħra, kompletament distakkati mill-evoluzzjoni tad-domanda domestika u globali. Il-kapaċità żejda globali hija mistennija li tiżdied mis-602 miljun tunnellata attwali (ekwivalenti għal ħames darbiet id-domanda tal-Unjoni) għal 721 miljun tunnellata sal-2027.	(10) ***Sabiex jiġu appoġġati l-industriji strateġiċi u l-kompetittività tal-Unjoni, il-miżuri kummerċjali tal-Unjoni jenħtieġ li ma jfixklux il-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar tal-Unjoni.*** L-Unjoni diġà adottat diversi miżuri ta' difiża kummerċjali fis-setturi tal-metalli, inkluż fis-setturi tal-ħadid u tal-azzar, kontra kompetizzjoni globali inġusta. Minkejja dan, l-industrija qed tiġi affettwata dejjem aktar b'mod negattiv mill-kapaċitajiet strutturali żejda globali u minn distorsjonijiet globali, inklużi politiki ***mhux ibbażati fuq is-suq*** u prattiki ***kummerċjali inġusti*** f'ċerti pajjiżi li jappoġġaw b'mod artifiċjali l-industriji domestiċi tagħhom jew jevitaw il-miżuri u s-sanzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni. L-Unjoni hi l-uniku reġjun ewlieni tal-produzzjoni tal-azzar li qed jara tnaqqis fil-kapaċità. Madankollu, dawn l-isforzi qed jiġu kkumpensati kompletament minn żidiet kontinwi kbar fil-kapaċità f'reġjuni oħra, kompletament distakkati mill-evoluzzjoni tad-domanda domestika u globali. Il-kapaċità żejda globali hija mistennija li tiżdied mis-602 miljun tunnellata attwali (ekwivalenti għal ħames darbiet id-domanda tal-Unjoni) għal 721

	miljun tunnellata sal-2027. ***Għalhekk kwalunkwe miżura ta' salvagwardja fis-suq tal-azzar jenħtieġ li titfassal b'perspettiva fit-tul, peress li, għall-kuntrarju ta' perjodi preċedenti meta s-settur tal-azzar tal-Unjoni esperjenza kapaċità żejda, is-sitwazzjoni attwali hija strutturali u x'aktarx li ma tiġix solvuta fuq terminu qasir jew medju.***

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Barra minn hekk, l-evoluzzjoni reċenti tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi qed tkompli żżid il-pressjoni fuq l-importazzjoni, kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet, fuq il-produtturi tal-Unjoni. Tali pressjoni ***bħal din*** hija mistennija li tkompli ***żżid***.	(11) Barra minn hekk, l-evoluzzjoni reċenti tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi qed tkompli żżid il-pressjoni fuq l-importazzjoni, kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet, fuq il-produtturi tal-Unjoni. Tali pressjoni hija mistennija ***biss*** li tkompli ***tiżdied u se twassal għal aktar tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni, għall-għeluq tal-impjanti u għat-telf ta' impjiegi***.

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Is-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bid-WTO fil-qalba tagħha, għadha fundamentali biex jiġu żgurati l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-ġustizzja fil-kummerċ globali. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-obbligi tal-Unjoni skont id-WTO. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza d-distorsjonijiet tal-kummerċi kkawżati mill-kapaċità żejda globali u jenħtieġ li jinftiehem bħala strument maħsub biex jirrestawra l-kundizzjonijiet għal kummerċ aktar miftuħ u bbażat fuq ir-

regoli fil-futur.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni mwiegħra b'telf bla preċedent tal-kapaċità tal-produzzjoni li ammonta għal aktar minn 30 miljun tunnellata mill-2018, rata storikament baxxa tal-użu tal-kapaċità li laħqet 67% fl-2024, u madwar 30000 impjieg mitlufa mill-2018, b'diversi eluf ta' impjiegi mħabbra fl-2024. L-industrija tal-azzar tal-Unjoni rreġistrat telf fl-2024.	(12) B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni mwiegħra b'telf bla preċedent tal-kapaċità tal-produzzjoni li ammonta għal aktar minn 30 miljun tunnellata mill-2018, rata storikament baxxa tal-użu tal-kapaċità li laħqet 67% fl-2024, u madwar 30000 impjieg mitlufa mill-2018, b'diversi eluf ta' impjiegi mħabbra fl-2024. L-industrija tal-azzar tal-Unjoni rreġistrat telf fl-2024. ***Il-piż ta' dan id-deklin waqa' ħafna fuq il-bliet industrijali u r-reġjuni fejn il-produzzjoni tal-azzar għandha l-għeruq tagħha.***

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Minħabba s-sitwazzjoni li qed tmur għall-agħar b'rata mgħaġġla tal-industrija domestika tal-azzar u l-progress mhux sodisfaċenti li sar s'issa biex tinstab soluzzjoni kollettiva li tindirizza l-kapaċità strutturali żejda globali, jeħtieġ li tiġi adottata miżura ġdida li tissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159. Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni nediet sejħa għal evidenza u konsultazzjoni mmirata biex tfittex il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar diversi aspetti tal-miżura l-ġdida, inklużi l-forma, il-livell, l-ambitu ġeografiku u d-durata tagħha, kif ukoll karatteristiċi speċifiċi oħra bħar-regoli tal-oriġini. Il-proċess dam għaddej sat-18 ta' Awwissu 2025 u waslu aktar minn ħames mitt	(13) Minħabba s-sitwazzjoni li qed tmur għall-agħar b'rata mgħaġġla tal-industrija domestika tal-azzar u l-progress mhux sodisfaċenti li sar s'issa biex tinstab soluzzjoni kollettiva li tindirizza l-kapaċità strutturali żejda globali, jeħtieġ li tiġi adottata ***b'urġenza*** miżura ġdida li tissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159. Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni nediet sejħa għal evidenza u konsultazzjoni mmirata biex tfittex il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar diversi aspetti tal-miżura l-ġdida, inklużi l-forma, il-livell, l-ambitu ġeografiku u d-durata tagħha, kif ukoll karatteristiċi speċifiċi oħra bħar-regoli tal-oriġini. Il-proċess dam għaddej sat-18 ta' Awwissu 2025 u waslu aktar minn ħames

tweġiba: 143 sottomissjoni għas-sejħa għal evidenza u 373 tweġiba għall-kwestjonarju ta' konsultazzjoni mmirata. Sommarju dettaljat tal-feedback riċevut huwa disponibbli fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva.

mitt tweġiba: 143 sottomissjoni għas-sejħa għal evidenza u 373 tweġiba għall-kwestjonarju ta' konsultazzjoni mmirata. Sommarju dettaljat tal-feedback riċevut huwa disponibbli fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva. ***Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma twettaqx valutazzjoni tal-impatt iżda affermat l-impenn tagħha li tippreżenta evalwazzjoni tal-konsegwenzi tagħha wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) B'mod parallel mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja li din il-proposta se tkun soġġetta għaliha, l-Unjoni biħsiebha tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 bil-ħsieb li timmodifika ċerti konċessjonijiet tad-WTO għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u tiżgura li l-livell ta' dazji doganali li jirriżulta jiżgura r-reżiljenza tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni f'kuntest ta' kapaċitajiet żejda strutturali globali, miżuri kummerċjali ta' pajjiżi terzi li qed jikbru fuq is-settur tal-azzar, u l-impatt negattiv tagħhom relatat mal-kummerċ fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni.	(14) B'mod parallel mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja li din il-proposta se tkun soġġetta għaliha, l-Unjoni biħsiebha tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 bil-ħsieb li timmodifika ċerti konċessjonijiet tad-WTO għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u tiżgura li l-livell ta' dazji doganali li jirriżulta jiżgura r-reżiljenza tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni f'kuntest ta' kapaċitajiet żejda strutturali globali, miżuri kummerċjali ta' pajjiżi terzi li qed jikbru fuq is-settur tal-azzar, u l-impatt negattiv tagħhom relatat mal-kummerċ fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-modifika tal-impenji tal-Unjoni ma twassalx għal kumpens li jmur lil hinn mill-volumi tal-kwoti previsti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u lanqas ma tkun tikkonċerna xi prodott għajr dawk inklużi fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika dan ir-Regolament lid-WTO wkoll skont l-Artikolu XX tal-GATT minħabba li dan ir-Regolament huwa meħtieġ biex tiġi***

	segwita d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar tal-Unjoni, u huwa meħtieġ ukoll biex jiġi ppreservat l-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha f'komunikazzjoni proattiva u trasparenti mas-sħab kummerċjali biex tispjega b'mod ċar ir-raġunijiet għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tidentifika modi kif jinżammu kundizzjonijiet ugwali u ġusti sabiex ma jiġix imfixkel l-ispirtu eżistenti ta' kooperazzjoni kummerċjali ġenwina, b'mod partikolari mas-sħab tal-FTA eżistenti u futuri affettwati minn dan ir-Regolament.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Filwaqt li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 it-tariffa barra mill-kwota hija stabbilita għal 25%, b'kunsiderazzjoni tal-livell tat-tariffi fis-settur tal-azzar fi swieq ewlenin oħra, huwa xieraq li l-livell ta' tariffa barra mill-kwota jiġi stabbilit għal dazju ta' 50% biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Dan id-dazju jiżdied ma' dazji oħra li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament.	(15) Filwaqt li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 it-tariffa barra mill-kwota hija stabbilita għal 25%, b'kunsiderazzjoni tal-livell tat-tariffi fis-settur tal-azzar fi swieq ewlenin oħra, huwa xieraq li l-livell ta' tariffa barra mill-kwota jiġi stabbilit għal dazju ta' 50% biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ ***u biex jitħalla jkun hemm żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni***. Dan id-dazju jiżdied ma' dazji oħra li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-

Regolament.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni ġusta u bbilanċjata tal-kwoti tariffarji, il-konċentrazzjoni tal-importazzjonijiet minn ftit operaturi ewlenin u l-prattiki ta' kumulazzjoni ta' riżervi jenħtieġ li jiġu evitati. Il-prattiki ta' kumulazzjoni ta' riżervi, fejn il-prodotti tal-azzar jinħażnu fil-portijiet, fl-imħażen doganali jew fiż-żoni ħielsa sabiex jiddewwem ir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, jistgħu jirriżultaw fl-eżawriment rapidu tal-kwoti tariffarji fis-sistema ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Hemm riskju li tali prattiki jimminaw l-aċċess ġust għall-kwoti għall-operaturi ekonomiċi kollha u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib ix-xejriet tal-importazzjoni u l-livelli tal-ħżin u, meta jkun xieraq, tikkunsidra aġġustamenti għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji biex tiżgura aċċess ġust għall-operaturi kollha, sabiex twieġeb malajr għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq filwaqt li tipproteġi l-industrija tal-azzar tal-Unjoni u l-industriji downstream.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun	(21) Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun

effettiva fl-indirizzar tal-effetti tal-kapaċità żejda globali, u fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-prodotti tal-azzar u tat-tekniki moderni tal-produzzjoni u tal-provvista, huwa importanti li jiġi identifikat il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ". Il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jirreferi għall-post oriġinali fejn l-azzar mhux maħdum u l-ħadid huma inizjalment prodotti f'forma likwida f'forn li jagħmel l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-istat solidu primarju tiegħu. Dan l-istat solidu primarju jista' jinkludi jew prodott nofsu lest, inkluż iżda mhux limitat għal ċangaturi, billetti, jew ingotti, jew prodott lest ta' fabbrika tal-azzar. It-talba għal evidenza tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" se tevita li l-azzar prodott f'ċerti pajjiżi li jikkontribwixxi għall-kapaċità żejda globali jidħol bla bżonn fis-suq tal-Unjoni wara trasformazzjoni ulterjuri f'pajjiżi oħra u se jżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista domestika għall-importazzjonijiet tal-azzar.	effettiva fl-indirizzar tal-effetti tal-kapaċità żejda globali, u fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-prodotti tal-azzar u tat-tekniki moderni tal-produzzjoni u tal-provvista, huwa importanti li jiġi identifikat il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ". Il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jirreferi għall-post oriġinali fejn l-azzar mhux maħdum u l-ħadid huma inizjalment prodotti f'forma likwida f'forn li jagħmel l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-istat solidu primarju tiegħu. Dan l-istat solidu primarju jista' jinkludi jew prodott nofsu lest, inkluż iżda mhux limitat għal ċangaturi, billetti, jew ingotti, jew prodott lest ta' fabbrika tal-azzar. It-talba għal evidenza tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" se tevita li l-azzar prodott f'ċerti pajjiżi li jikkontribwixxi għall-kapaċità żejda globali jidħol bla bżonn fis-suq tal-Unjoni wara trasformazzjoni ulterjuri f'pajjiżi oħra u se jżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista domestika għall-importazzjonijiet tal-azzar. ***Dik it-talba għal evidenza jenħtieġ li ssir b'tali mod li tillimita l-piż amministrattiv kemm jista' jkun, u li tiffaċilita l-konformità tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).***

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-importazzjonijiet ta' prodotti li għalihom l-azzar ikun ġie mdewweb u mferra' fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja jenħtieġ li ma jingħatawx aċċess għas-suq tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jibbenefikaw mill-ebda kwota tariffarja. Għaldaqstant, dawn il-prodotti kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal projbizzjoni awtomatika fil-fruntieri

esterni tal-Unjoni.

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' kwoti miftuħa fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu fis-swieq tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament kif ukoll biex jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit tat-tidwib u tat-tferrigħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-identifikazzjoni tal-pajjiż li fih l-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott jiġi mdewweb u mferra' u biex jiġi emendat l-Anness II ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[8]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(24) Sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' kwoti miftuħa fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu fis-swieq tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament kif ukoll biex jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit tat-tidwib u tat-tferrigħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-identifikazzjoni tal-pajjiż li fih l-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott jiġi mdewweb u mferra' u biex jiġi emendat l-Anness II ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[8]. ***Barra minn hekk, huwa importanti li fil-ħidma preparatorja jinstemgħu l-industriji u l-bliet u r-reġjuni industrijali affettwati.*** B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2	[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2

016/512/oj.	016/512/oj.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) F'konformità mar-Regolament (UE) 2025/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u mal-impenn tal-Unjoni li tappoġġa l-ekonomija tal-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, u fid-dawl tar-rwol strateġiku tal-Ukrajna fil-katina tal-provvista tal-azzar tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kwoti jirriflettu bis-sħiħ l-istatus ta' kandidat tal-Ukrajna u l-importanza vitali tagħha għall-istabbiltà tas-suq tal-azzar tal-Unjoni, filwaqt li tippreserva l-effettività u l-integrità ta' dan ir-Regolament.
	_____
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2025/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2025 li jissospendi ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/478 fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti Ukreni fl-Unjoni (ĠU L, 2025/1153, 5.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1153/oj).

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) Minħabba li diversi pajjiżi terzi adottaw miżuri restrittivi għall-kummerċ li jaffettwaw direttament l-

esportazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti tal-azzar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrifletti dawk il-miżuri restrittivi għall-kummerċ.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tivvaluta sa mhux aktar tard minn sentejn*** wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament il-ħtieġa li taġġusta l-ambitu tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u jekk jitqies meħtieġ, jenħtieġ li ***tikkunsidra li tagħmel*** proposta leġiżlattiva biex iżżid prodotti tal-azzar addizzjonali, inklużi ***prodotti*** li huma magħmula ***minn*** jew li fihom ammont sinifikanti ta' azzar.	26. ***L-industrija tal-ipproċessar tal-azzar tal-Unjoni, magħmula minn eluf ta' SMEs li jittrasformaw l-azzar f'oġġetti speċjalizzati u ta' valur għoli, hija ta' importanza vitali għas-settur tal-azzar kollu tal-Unjoni. Bħall-produtturi primarji tal-azzar tal-Unjoni, l-industrija tal-azzar downstream tal-Unjoni hija dejjem aktar esposta għal importazzjonijiet irħas minn pajjiżi terzi, fejn il-produtturi esportaturi jibbenefikaw minn sussidji illegali mill-Istat, standards ambjentali aktar baxxi u kostijiet tal-enerġija jew tal-input imrażżna b'mod artifiċjali. Filwaqt li tirrikonoxxi l-urġenza tas-sitwazzjoni,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tiddetermina fi żmien 6 xhur*** wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament il-ħtieġa li taġġusta l-ambitu tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u jekk jitqies meħtieġ, jenħtieġ li ***tressaq*** proposta leġiżlattiva ***mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament*** biex iżżid prodotti tal-azzar addizzjonali, inklużi ***l-prodotti*** li huma magħmula ***mill-azzar*** jew li fihom ammont sinifikanti ta' azzar. ***Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali li fil-valutazzjoni jiġi evalwat b'attenzjoni jekk il-problemi li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jindirizza humiex qed jiġu solvuti jew humiex qed jiġu spostati b'mod mhux intenzjonat aktar 'l isfel fil-katina tal-valur. Din il-valutazzjoni***

	jenħtieġ li tqis, fost l-oħrajn, il-fonderiji, l-impatt potenzjali tal-miżuri kummerċjali globali li qed jevolvu u li jistgħu jidderieġu mill-ġdid il-flussi kummerċjali lejn l-Unjoni, u s-sitwazzjoni tas-setturi downstream li l-kompetittività tagħhom, inkluża dik tal-SMEs u tal-fonderiji, tista' tiġi affettwata b'mod negattiv. Wara din il-valutazzjoni inizjali, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet sussegwenti kull sitt xhur, jew qabel, jekk ikun hemm tfixkil sinifikanti fis-suq jew bidliet f'daqqa fix-xejriet kummerċjali globali li jiġġustifikaw dan.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li dak ir-rapport annwali jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar l-użu u l-evoluzzjoni tal-kwoti u l-kategorija u l-ammont ta' importazzjonijiet suġġetti għad-dazju ta' 50 %. Ir-rapport annwali jenħtieġ li jsir pubbliku.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Qabel ***l-1 ta' Lulju 2031***, u kull ***ħames*** snin minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-evoluzzjoni tal-parametri ewlenin li	(27) Qabel ***il-31 ta' Diċembru 2028***, u kull ***tliet*** snin minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-evoluzzjoni tal-parametri ewlenin li

ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-kapaċità żejda globali, kif ukoll l-effetti tagħha fuq is-suq tal-azzar. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll is-sitwazzjoni tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi fuq l-azzar u l-implikazzjonijiet u l-effetti li jista' jkollhom, jew li x'aktarx ikollhom, f'termini ta' riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza wkoll is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' politiki u prattiki mhux tas-suq f'pajjiżi terzi u l-impatt tagħhom fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni kif ukoll l-evoluzzjoni ***tal-proġetti*** ta' dekarbonizzazzjoni tagħha,	ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-kapaċità żejda globali, kif ukoll l-effetti tagħha fuq is-suq tal-azzar ***u fuq il-ktajjen tal-valur downstream***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll is-sitwazzjoni tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi fuq l-azzar u l-implikazzjonijiet u l-effetti li jista' jkollhom, jew li x'aktarx ikollhom, f'termini ta' riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza wkoll is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' politiki u prattiki mhux tas-suq f'pajjiżi terzi u l-impatt tagħhom fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-evoluzzjoni ***tal-kompetittività ġenerali tal-Unjoni u*** tal-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni***, inklużi l-livelli tal-prezzijiet u l-użu tal-kapaċità***, kif ukoll ***il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni u*** l-evoluzzjoni ***tal-miri*** ta' dekarbonizzazzjoni tagħha, ***Għal dan l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni tal-impatt strutturata, fi djalogu mal-ekosistema kollha tal-azzar, inkluż is-segment downstream. Dawn l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu feedback minn diskussjonijiet multilaterali, fost l-oħrajn fil-Kumitat tal-Azzar tal-OECD u fil-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar,***

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***4a. Il-miżuri skont dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati b'mod li jkun konsistenti mar-regoli tad-WTO u ma għandhomx jirrestringu l-kummerċ lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu indirizzati l-effetti**

	negattivi tal-kapaċità żejda globali b'riżultat ta' kundizzjonijiet inġusti fis-suq.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza xierqa***, bħal ċertifikat tal-fabbrika li jagħti*** prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" tal-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott.	2. Fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza xierqa ***u verifikabbli li tagħti*** prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" tal-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott. ***Tali evidenza għandha tinkludi ċertifikat tal-fabbrika maħruġ mill-produttur oriġinali tal-azzar, li jidentifika n-numru tal-ikkastjar korrispondenti u li jkun fih id-data teknika u tal-produzzjoni meħtieġa biex tiġi traċċata l-oriġini tal-azzar.***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-importazzjonijiet ta' prodotti li għalihom l-azzar ikun ġie mdewweb u mferra' fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja għandhom ikunu strettament ipprojbiti milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni u taħt l-ebda ċirkostanza ma għandhom jibbenefikaw minn xi kwota tariffarja. Dawn il-prodotti kollha għandhom ikunu soġġetti għal projbizzjoni awtomatika fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" għandu japplika għad-determinazzjoni tal-pajjiż li lilu huma allokati l-kwoti tariffarji skont l-Artikolu 4.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar kif tiġi pprovduta l-evidenza xierqa bil-għan li jiġi llimitat il-piż amministrattiv u tiġi ffaċilitata l-konformità tal-SMEs.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-livelli tal-kwoti tariffarji ***ekwivalenti*** għas-sehem mis-suq tal-importazzjoni li kien prevalenti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni fl-2013 qabel l-impatt tal-kapaċità żejda globali fis-suq tal-Unjoni;	(a) il-livelli tal-kwoti tariffarji ***ugwali*** għas-sehem mis-suq tal-importazzjoni li kien prevalenti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni fl-2013 qabel l-impatt tal-kapaċità żejda globali fis-suq tal-Unjoni;

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-livell tat-tariffi applikati minn pajjiż terz fuq il-prodotti tal-azzar tal-Unjoni;

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jekk pajjiż terz huwiex konformi mal-impenji tiegħu skont il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi mal-Unjoni, fir-rigward tal-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(h) l-eżistenza ta' miżuri unilaterali tal-Unjoni li jissospendu l-applikazzjoni ta' salvagwardji għall-benefiċċju ta' pajjiż terz, fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2). ***L-ewwel wieħed minn dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat u għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2026.***

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih u bis-sħiħ lill-Parlament Ewropew dwar in-negozjati ma' pajjiżi terzi skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT u għandha tiżgura li tipprovdi lill-Parlament Ewropew aċċess għad-dokumenti rilevanti. Il-Kummissjoni għandha toħroġ regolarment informazzjoni li tkun disponibbli għall-pubbliku dwar dawn in-negozjati.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni;

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***kwistjonijiet*** potenzjali ta' disponibbiltà tal-provvista f'ċerti kategoriji ta' prodotti;	(e) ***problemi*** potenzjali ta' disponibbiltà tal-provvista f'ċerti kategoriji ta' prodotti ***u l-impatt tagħhom fuq il-ktajjen tal-valur downstream***;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-interessi essenzjali tal-Unjoni, partikolarment il-politika ta' sigurtà u ta'

difiża komuni tal-Unjoni;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3**.**	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli ***u l-modalitajiet*** dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3 ***u b'mod partikolari:***

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ir-regoli u l-modalitajiet dettaljati dwar l-evidenza xierqa msemmija fl-Artikolu 3(2) li tagħti prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" tal-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott;

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) ir-regoli dettaljati biex tiġi żgurata l-awtentiċità u t-traċċabbiltà taċ-ċertifikati tal-fabbriki, imsemmija fl-Artikolu 3(2), inkluż, meta jkun xieraq, l-użu ta' sistemi ta' verifika diġitali, numri uniċi ta' identifikazzjoni, jew mekkaniżmi oħra ta' kontroll biex jiġu pprevenuti l-falsifikazzjoni jew l-użu ħażin, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

	u jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ewwel wieħed mill-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi adottat sal-1 ta' Ottubru 2026.

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa ***[l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 2 snin wara l-adozzjoni*** ta' dan ***l-abbozz ta' Regolament]*** il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta*** l-ħtieġa li jiġi emendat l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ta' dan ir-Regolament, u tista' tissottometti proposta leġiżlattiva biex	1. Sa ***... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ*** ta' dan ***ir-Regolament],*** il-Kummissjoni għandha ***tiddetermina*** l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ta' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari dwar jekk għandux ikun fih prodotti addizzjonali li***

temenda dan ir-Regolament. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq perjodikament kull sentejn wara l-ewwel rieżami.

jkunu magħmulin minn ammont sinifikanti ta' azzar, inkluż, bi prijorità, prodotti tal-ħadid u tal-azzar downstream mhux koperti mill-Anness I li huma f'riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ, u tista' tissottometti proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq perjodikament kull sentejn wara l-ewwel rieżami. ***Fejn ikun hemm tfixkil sinifikanti fis-suq jew bidliet f'daqqa fix-xejriet kummerċjali globali, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni saħansitra aktar bikrija. Tali rieżami għandu jqis is-sitwazzjoni usa' tal-kompetittività tal-Unjoni u tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, kemm l-atturi upstream kif ukoll dawk downstream, b'mod partikolari s-sitwazzjoni għall-SMEs, kif ukoll il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni.***

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Qabel l-1 ta' Lulju 2031***, u kull ***ħames*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament. Tali evalwazzjoni għandha tqis il-persistenza taċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni tal-industrija ***tal-manifattura*** tal-azzar tal-Unjoni. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda ***jew tħassar*** dan ir-Regolament.	2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2028*** u kull ***tliet*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività ***u l-impatt*** ta' dan ir-Regolament. Tali evalwazzjoni għandha tqis il-persistenza taċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni***, inklużi l-livelli tal-prezzijiet u l-użu tal-kapaċità, kif ukoll il-ktajjen tal-valur downstream u l-impatt fuq l-industriji tal-Unjoni li jużaw l-azzar bħala fattur tal-manifattura u l-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni***. ***Għall-fini ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tul il-katina tal-valur tal-azzar.*** Fuq il-bażi ta'

dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-għoxrin jum*** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.	1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fil-jum*** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 10 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 3(2) għandu japplika mill-1 ta' Otubru 2026.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 3(2b) għandu japplika minn ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 55

Proposta għal regolament
Anness 1 – ringiela 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*		
	21a	***Tubi, pajpijiet u profili kavati, tal-ħadid fondut***	***NM 7303001 0 7303009 0***

Emenda 56
Proposta għal regolament
Anness I – ringiela 28

Test propost mill-Kummissjoni			*Emenda*		
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50,	28	Wajer Mhux Illigat ***u Wajer ieħor Illigat***	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20

		7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90			30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90, ***72 29 2000, 72 29 9020, 72 29 9050, 72 29 9090***

Emenda 57
Proposta għal regolament
Anness 1 – ringiela 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*		
	29a	***Wajer tal-Azzar Inossidabbli***	***72 23 0011, 72 23 0019, 72 23 0091, 72 23 0099***

Emenda 58
Proposta għal regolament
Anness 1 – ringiela 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*		
	30a	***Staneg Forġuti Mhux Illigati u Oħrajn Illigati***	***7214 1000, 7228 1050, 7228 4010, 7228 4090***

Emenda 59
Proposta għal regolament
Anness 2 – ringiela 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*				
	21a	***Tubi, pajpijiet u profilikavati, tal-ħadid fond ut***	***NM 7303 0010, 7303 0090***	***4700***	***50 %***